MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 474/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Peter Axisa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 804848(M)], quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna li thaddem ghas-snin 2009 u 2010 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 t’Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15 u 20 ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tliet mitt Euro (€300) u multa addizzjonali ta’ sebgha Euro (€7.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas ta’ l-appellant.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b’zieda ma’ kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull disposizzjoni ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel u tirriforma l-ewwel sentenza billi tnehhi jew tnaqqas il-piena imposta, minhabba ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u jekk ikun il-kaz taghti dawk l-ordnijiet necessarji waqt illi tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Minhabba l-fatt illi il-Qorti ma awtorizzatx differimenti aktar, l-esponenti hass illi ma kellu ebda triq ohra quddiemu hlief dik illi jammetti it-talba migjuba kontrih. Ghalhekk, dana l-appell ma jittrattax dwar il-htija izda dwar il-pieni komminati fil-konfront tal-esponenti.

Infatti, ghalkemm il-Qorti rarament tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun effettwat l-ewwel Qorti, din il-Qorti tal-Appell spiss tvarja is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati f'kazijiet fejn jidhrilha illi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-appellant ikollu ragun jilmenta illi piena tkun harxa wisq tenut kont tac-cirkostanzi.

L-esponenti jemmen illi dana huwa effettivament il-kaz f'din il-kawza.

Jirrizulta appurat illi il-problemi finanzjarji tat-Ta' Qali Producers' Group huma rizultat dirett tal-fatt illi il-gvern ma ghaddiex lill-grupp il-fondi imwieghda.

Dan gab sitwazzjoni ta' diffikultà kbira u ta' problemi finanzjarji kbar. L-esponenti ipprova hafna, minkejja l-fatt li l-gvern ma zammx mal-weghda tieghu, sabiex jaghmel mezz illi dawn il-fondi, b'xi mod jew iehor, jaslu, imma dana ma sehhx.

L-ammonti dovuti mill-grupp sejrin jithallsu fl-intier taghhom imma dana ghalissa ma setghax isir in vista tal-fatt illi ma hemmx fondi.

Il-posizzjoni tal-appellant allura hija wahda fejn kjarament is-sitwazzjoni li nsab fiha il-grupp mhijiex wahda li rat tort tieghu jew taghhom, imma tort tac-cirkostanzi.

Dana kollu huwa sorrett mill-provi dokumentarji prodotti quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll mix-xhieda, liema xhieda, jekk dina l-Onorabbli Qorti tkun tixtieq, tista' terga' tisma' hija stess.

Is-subartikolu 23(13) tal-Kap 372 jaqra hekk:

*"(13) Kull persuna li tikser jew li tonqos li thares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) tehel, meta tinsab hatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux izjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik*

*il-multa u prigunerija flimkien, u multa ohra ta' mhux inqas minn erba' euro (4) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin euro (23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab hatja:"*

Ghalhekk, dan is-subartikolu jiddisponi illi il-minimu tal-kundanna huwa €116.00 u €4.00 ghal kull jum li matulu jkompli ir-reat.

F'kazijiet fejn il-legislatur ihalli tant diskrezzjoni lill-gudikant dwar kemm ser tkun il-piena komminata, dana jkun ghamlu appuntu hi intenzjoni illi jaghmel tajjeb u jhalli l-atitudni ta' diskrezzjoni ghall-kazijiet svarjati ta' cirkostanzi li gudikant jista' jkollu quddiemu, u, waqt li jkun hemm hafna kazijiet li ma haqqhomx jibbenefikaw minn sentenza li tmur ghall-minimu impost mil-ligi, f'dan il-kaz ic-cirkostanzi jigi umilment sottomess illi jissarrfu kjarament fi stat tal-affarijiet fejn il-minimu jkun altru milli gust.

Barra minn hekk, jidher illi l-artikolu 22 ta' Kap 446 mhuwiex inapplikabbli ghal dan it-tip ta' kawzi.

Il-minimu tal-piena possibbli jkun opportun f'dan il-kaz ghaliex effettivament huwa assurd illi ghall-problema, li giet principalment ikkawzata mill-gvern, ikollu jhallas l-esponenti lill-istess gvern kif ukoll li jhallas multa kull jum, meta l-gvern jista' jibqa' ikarkar kemm irid biex jasal ghall-ftehim finali mal-grupp, u sadattant l-ammont tal-multa jizdied kuljum. F'ambitu Civiii f'cirkostanzi simili kien ikun hemm lok ghal xi forma ta' tpacija bejn il-partijiet.

Barra minn hekk, il-Qrati taghna, anki f'materji fiskali, dejjem jakkordaw temperament tal-piena fejn ir-raguni tkun wahda gusta u mhux fittizja. (vide sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti dwar kawza relatata ma' Taxxa fuq il-Valur Mizjud, deciza fl-20 ta' Settembru, 2012, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Scicluna.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Rat il-letter to prosecute mibgħuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Employer (fol 8 u 9), ittra spjegattiva mibgħuta minn Sandro Grech (Certified Public Accountant) lis-sur Peter Axisa (bid-data 14 t'April, 2012), u ittra ta' Peter Axisa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar il-PE reference number bid-data tat-2 t'Awwissu 2011.

Semgħet bil-ġurament lil Stefan Azzopardi, rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxi. Dan ikkonferma li kien hu li ppreżenta d-dokument a fol 8 li juru l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Employer. Ix-xhud qal ukoll li l-bolol u t-taxxi tal-impjegati baqgħu ma tħallsux. Kien ippreżenta wkoll kopja ta' agreemetn li fiha l-firma tal-appellant fejn kien hemm xi bilanċi tas-snin 2008 u 2009 li kienu għadhom ma tħallsux. Iżda kienu tħallsu biss żewġ pagamenti. Ir-registration form kienet tal-appellant għan-nom ta' Ta' Qali Producers Group.

Xehed ukoll Peter Axisa li spjega li kienu jafu li ċertu ħlasijiet ma sarux iżda huma kienu qed jistennew xi ħlasijiet mill-Gvern u mill-Unjoni Ewropea. Sal-21 t'Ottubru 2013, meta l-appellant kien qed jixhed, il-flus baqgħu ma ġewx. Kien jidher li ser isir ftehm mal-gvern iżda imbagħad minħabba differenzi fuq ħames punti il-ftehim ma sarx realta'. Li kieku qalulhom li l-flus ma kinux ser jaslu, kieku kienu jieqfu joperaw.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li fis-snin 2009 u 2010 kien iħaddem in-nies. Ikkonferma wkoll li huwa kien ħa r-responsabilita' biex jibgħat id-denunzji.

Xehed ukoll l-Onorevoli George Pullicino li qal li minn għalih kien hemm fondi tal-Unjoni Ewropea li kienu ser ikunu allokati lil Ta' Qali Producers. Kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-Value Marketed Produce. Ix-xhud qal li bħala ministru ma kienx jidħol fid-dettalji għaliex dawn kienu affarijiet amministrattivi.

Ikkonsidrat.

Il-mod kif inhu impost l-appell u l-linja li ħadet it-trattazzjoni huwa dwar il-piena. M'hemm ebda dubju li l-flus imsemmijin fiċ-ċitazzjoni huma dovuti. Id-difiża nsistiet li suppost kellu jkun hemm għajnuna finanzjarja min-naħa tal-Gvern jew tal-Unjoni Ewropea u kien biss minħabba li ma waslux dawn il-flus li l-ħlasijiet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma seħħewx.

Fil-fehma tal-Qorti, din id-difiża mhux ġustifikata. Dawn huma flus li jkunu tnaqqsu mill-pagi tal-impjegati u għalhekk irid ikun hemm provdut għalihom sabiex jintbagħtu lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li lilu huma dovuta. Ma hemm xejn fil-Liġi li jagħti lil xi ħadd id-dritt li dawn ma jitħallsux għaliex fondi uffiċjali ma jkunux waslu.

Lanqas m'huwa korrett l-appellant meta jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati ma riditx ittih aktar differimenti. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta meta bdiet tinsisti li jkompli jinstema' l-każ.

Dwar il-piena, dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati hija fil-parametri tal-Liġi. Biss, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ, dil-Qorti ser tagħmel temperament żgħir fil-konklużjoni.

## Konklużjoni

**Għaldaqstant din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-5 t'Ottubru 2012 billi waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u fejn il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 49(2) tal-Kap 372 u qed tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant iħallas multa ta' tliet mitt Ewro u multa addizzjonali ta' seba' Euros kull jum li matulu jkomplu n-nuqqas tal-imputat u minflok qed tikkundannah iħallas multa ta' mitejn (€200) u multa addizzjonali ta' ħames (5) Ewros kull jum li matulu jkompli n-nuqqas tal-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------